MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 29

L-Erbgħa, 28 ta' Ottubru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli kienet imsiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Beppe Galea kien imsiefer fuq xogħol uffiċjali tal-partit.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela, l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Franco Mercieca kienu skużati.

L-Onor. Cressida Galea kienet assenti.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 28 li saret fis-27 ta' Ottubru 2026 kienu kkonfermati.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 306 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 488 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4126 dwar l-ammont ta' każijiet konklużi taħt l-Iskema tas-Self Soċjali għas-snin bejn l-2022 u l-2026, li ngħatat fis-seduta 28 tas-27 ta' Ottubru 2026;

P.L. 489 Tabella li turi tagħrif dwar l-ammont ta' każijiet konklużi taħt l-Iskema ta' Qsim ta' Ekwità għas-snin bejn l-2022 u l-2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4127;

P.L. 490 Tabella li turi l-medja ta' ġranet li għaddew bejn applikazzjoni kompluta u l-kuntratt finali għall-iskema tal-10% Depożitu għal kull sena bejn l-2022 u l-2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4128;

P.L. 491 Tabelli li jagħtu tagħrif dwar applikanti u benefiċjarji tal-iskema tal-10% Depożitu, l-Iskema ta' Qsim tal-Ekwità, l-Iskema tas-Self Soċjali u l-Għotja għax-Xiri ta' Residenza għall-perjodu bejn Jannar 2022 u Settembru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4129; u

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 492 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' proġetti approvati għal żieda ta' kmamar f'lukandi ta' tlieta u erba' stilel maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3353.

KOMMEMORAZZJONI TAL-105 ANNIVERSARJU MILL-EWWEL ASSEMBLEA LEĠIŻLATTIVA

Il-Kamra għaddiet biex tfakkar il-105 anniversarju mill-Ewwel Assemblea Leġiżlattiva fl-1921.

Bil-permess, fotografi u cameramen tħallew jidħlu fil-Kamra biex jiġbdu ritratti u filmati tal-okkażjoni.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Ispeaker, il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alex Borg.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li s-seduta kienet se tiġi sospiża għal ftit minuti sabiex il-Membri preżenti joħorġu mill-Kamra u jassistu għall-inawgurazzjoni ta' plakka kommemorattiva fl-entratura tas-Sala tal-Parlament. Huwa informa wkoll li waqt is-sospensjoni tas-seduta, ix-xandira fuq l-istazzjon tal-Parlament u l-live streaming fuq il-website tal-Parlament kienu se jibqgħu għaddejjin.

Fil-4.55 p.m. is-seduta kienet sospiża u rriżumiet fil-5.02 p.m.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA DIVERSI LIĠIJIET DWAR IT-TRAFFIKAR TA' PERSUNI - ABBOZZ 14

Il-Kamra rriżumiet mis-27 ta' Ottubru 2026 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda diversi liġijiet dwar it-traffikar ta' persuni u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom".

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Deborah Schembri, l-Onor. Norma Camilleri, l-Onor. Clint Azzopardi Flores u l-Onor. Ivan Bartolo.

Fis-7.00 p.m. l-Onor. Ivan Bartolo baqa' in possession u d-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 2 ta' Novembru 2026 fis-6.00 p.m. b'din l-aġenda:

Ordnijiet tal-Ġurnata

Mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2027 – (L-Ewwel Jum Imħolli kollu għall-Oppożizzjoni)

Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni informa lill-Kamra li, skont ftehim milħuq fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, is-seduta tat-Tnejn 2 ta' Novembru 2026, se tkun imxandra b'mod dirett mill-Public Broadcasting Services (PBS), b'kull stazzjon tat-televiżjoni jew internet service provider jingħata clean feed mill-PBS, u li skont l-istess ftehim, fil-bidu tas-seduta, fotografi u cameramen se jitħallew jieħdu ritratti/filmati għal ftit minuti.

Huwa informa lill-Kamra li d-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni se jixxandar ukoll bil-lingwa tas-sinjali.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Mariah Meli u mill-Onor. John Grech.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Mariah Meli qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 493 Dokument bl-isem *European School Survey Project on Alcohol and other Drugs (ESPAD) – 2024 Malta National Report* ippubblikat mill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali fl-2025.

Fis-7.23 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 2 ta' Novembru 2026 fis-6.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. CARMELO ABELA
SPEAKER